MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 16

19 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.41pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sur John P. Bonnici u Dr. Helen Caruana.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv waqt il-laqgħa qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija. Qed jiġi però nnutat għall-fini ta' dawn li Dr. Helen Caruana bagħtet ittra t'apoloġija fil-bidu tas-seduta li kienet tinsab indisposta.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 15 ġew approvati.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 *Uffiċini ġodda*

Is-Sur Cordina reġa' qal li għadhom qed jiġru wara l-Perit ħabba l-*compliance* madwar xahrejn. Hu qal li *change of architect* mhux f'waqtu għax xorta jridu xi firem mingħandu u għalhekk xtaq jispiċċa b'wiċċ il-ġid imma ma jistax ikun li l-*front office* jibqa' n-naħa l-oħra.

16.3.2 *Festa Santa Marija*

Is-Sur Cordina qal li l-festa kienet ftit aħjar mis-sena l-oħra fis-sens li attendew iktar nies, imma li kien hemm ftit trikki trakki fis-sens li aktarx jirċievu ittra bl-avukat. Qal li waqt if-festa tal-karti u waqt il-logħob tan-nar tal-art saret xi ħsara fir-residenzi. Għalkemm mhux ħa jfittxu l-Kunsill dirett, jistgħu idawwruha li l-Kunsill ta l-permess biex dawn l-attivitajiet isiru.

16.3.3 *Inawgurazzjoni Ġnien il-Palma*

Is-Sur Cordina nforma l-kulħadd li l-inawgurazzjoni ta' Ġnien il-Palma se ssir fil-25 ta' Settembru fl-10.30 ta' filgħodu.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.4.1 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa jekk id-deċiżjoni li jsir u d-disinn kienux f'idejn il-Kunsill. Dan kien qed jgħidu minħabba li mill-inawgurazzjoni qisu qed jidher mod ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minnu li sar fuq disinn u deċiżjoni tal-Kunsill imma l-fondi huma kollha ta' Ambjent Malta u l-Fond għall-

Iżvilupp u l-Ippjanar. Is-Sur Cordina qal li jaf x'inhu jgħid imma li sfortunatament il-fondi huma tagħhom u ma tantx hemm x'jista' jsir.

- Saqsa jekk il-*pelican lights/belisha beacons* fi Triq il-Linja u Triq Victor Vassallo għadx iridu jitqabbdu. Is-Sur Cordina qal li sa fejn jaf hu mqabbdin.
- Qal li fil-festa kien hemm xi rwejjaħ li kif qal is-Sindku kienu ġejjin mill-iskips, li bi skuża minħabba n-nar tal-art li ma tbattlux, imma mhux mill-*mobile toilets.* Qal li s-sena d-dieħla jikkoordinaw aħjar
- Propona li ssir sinjaletika aħjar bħal *workmen/pedestrian priority* ħabba l-armar meta t-toroq kienu magħluqin. Dawn ikunu *free standing,* tipo bħal tal-Mosta '*Avoid Mosta Centre'* u jaraw x'jista' jsir simili is-sena d-dieħla.
- Qal li għada se jiltaqa' ma' kumpanija Zamco li se jisponsorjaw xi tħawwil ta' siġar fi Triq Victor Vassallo ma' Linja.

## 16.5 Rapporti

### 16.5.1 *Approvazzjoni ta' Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena 2025*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport juri żbilanc ta' €2,474 li hu dovut għall-*one time invoice* ta' €8,300 relatata mal-perizja ta' Triq Victor Vassallo mill-Perit Neil Markham. Hi qalet li l-ispejjez inzammu taħt kontroll u fuq l-istess bilanċi tal-ewwel kwart. Qalet li kien hemm dħul ta' €3,000 mill-użu tal-*car park* tal-Corinthia u €3,000 oħra mill-permessi li meta tqabbilhom mal-ewwel kwart ma kienux biżżejjed biex il-Kunsill joħroġ b'surplus. Hi kompliet tgħid li l-FSI reġa' wkoll tela' minn -114% għal -130% u dan kien dovut għad-*deferred income* fuq il-proġetti tal-uffiċċini u Ġnien il-Palma magħdudin mal-flejjes ta' proġetti oħra li qed jinqatgħu ftit ftit tul iż-żmien.

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2025 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2025 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 392,048 | 784,096 | - | 784,096 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 32,041 | 70,400 | - | 70,400 |
| Income raised from LES (3) | 1,685 | 4,600 | - | 4,600 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 300 | 1,500 | - | 1,500 |
| **TOTAL** | **426,075** | **860,596** | - | **860,596** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 155,843 | 305,980 | - | 305,980 |
| Operations and Maintenance (7) | 182,318 | 369,346 | - | 369,346 |
| Administration (8) | 39,635 | 65,192 | - | 65,192 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 50,753 | 108,503 | - | 108,503 |
| **TOTAL** | **428,549** | **849,020** | - | **849,020** |
| **Surplus / Deficit** | (2,474) | **11,576** | - | **11,576** |

**Attard Local Council** | **Quarterly Financial Report**

**1st January till End of June 2025 (Quarter 2)**

***Overview and Summary***

The Q2's financial result is a loss of EUR2.5k. This is still quite in line with the Q1 result of a profit of EUR1.8k compared to the loss of EUR181k in 2024. From the start of 2025 cost-reduction measures have started to be taken to reduce the operational expenses and the affect of these measures continues to show in the result for Q2.
The income and expenses in Q2 increased quite in line with the income and expenses recorded in Q1, the main movements that caused the loss were architect fees for the work carried out on Triq Victor Vassallo of EUR8.3k which is a non-routine expense, this was then offset by an increase in Q2 in the income from permits and from the use of the Corinthia parking of around EUR6k.

Re the FSI, this is still a high negative percentage as the grant money already received for the ongoing projects (the refurbishment of Gnien il-Palma; and the works on the new local council office) is still showing as a liability in the balance sheet (as deferred income) until the projects are finalised. There was no significant change in the deferred income position re projects from Q2 to Q1. However in Q2, the Q3 government allocation was paid out early (13th June), rather than in July, and this was recorded as deferred income (liability) in the Q2 report as this cannot be recognised as income in the Profit & Loss account until Q3. This resulted in the FSI increasing to -130% from -114% in Q1.

Qalet li dan ma jfissirx li se joħorġu bid-*deficit*. Is-Sur Cassar qal li l-baġit qed juri li l-Kunsill se joħroġ b'deficit ta' €8,000. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jimmiraw li mqar joħorġu b'*surplus* ta' €1,000.

Hi qalet li ma jinkwetawhiex il-*one-time payments* pjuttost li jibqgħu iħallsu b'mod regolari l-istazzjon, il-vann u jibqgħu joperaw għax fl-istess il-proġetti jinsabu għaddejjin bħal Ġnien il-Palma, Ġnien tal-Fuklar li se jkun *fully funded* minn Project Green, il-Pjazza li għaddejjin b'diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta. Is-Sur Ciantar jekk hemmx xi *timings* bis-Segretarju tgħid li *timings* m'hemmx imma li qegħdin jippreparaw il-*public consultations*.

Hi qalet li iktar ma jitlestew il-proġetti malajr iktar jitlaq id-*deferred income,* jiġu kapilataliżżati il-proġetti u iktar jinżel l-FSI permezz tal-*liabilities*. Ikkonkludiet li anke jekk ikunu bis-*surplus* jekk ma jikkonkludux il-proġetti u jikkapitaliżżawhom ħa jibqgħu fl-FSI ħazin.

Is-Sur Mangion saqsa jekk hemmx iktar spejjeż xi jsiru fl-istazzjon. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'hemm xejn ħlief id-*day to day running*. Hi kompliet tgħid li preparat żewġ bye-laws waħda fuq il-kiri tal-iStazzjon u l-oħra tal-*car park* tal-Corinthia.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 16.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 16.6.1 *Servizz Europa Malta – ġemellaġġ Pjazza Brembana*

Is-Sur Bartolo qal li nhar il-ġimgħa li ġej hu għandu appuntament mas-Servizz Europa Malta biex jaraw x'jistgħu jakkwistaw bħalha fondi biex isir il-ġemellaġġ ma' Piazza Brembana u li barra minn hekk kiteb ukoll lill-Ambaxxata Taljana f'Malta forsi hemm xi fondi ulterjuri.

16.6.2 **Jum Ħ'Attard**

Is-Sur Bartolo qal ukoll li ltaqa' mas-Surmast tal-Banda 'La Stella Levantina' Banda Santa Marija u li dan saqsieħ jekk il-banda hix se tkun involuta f'Jum Ħ'Attard biex f'dak il-każ jibbukkja l-bandisti. Qal li barra minn hekk, l-ewwel iridu jsibu ġurnata adattata. Id-data magħżula għal Jum Ħ'Attard waqat fuq l-21 ta' Marzu 2025.

Dr. Musumeci qal li l-bandisti jiġu *at a cost* u li ġaladarba l-affarijiet huma kif inhuma, jistgħux jaraw/jikkunsidraw *avenues* oħra li forsi jiġu irħas. Is-Sur Bartolo qal li ġietu f'moħħu li jsibu xi ħadd ikanta, imma li dawn tant ilhom jieħdu sehem li n-nies draw. Dr.Musumeci qal li din hi kwistjoni tar-razzjonalizzazzjoni u li m'għandu xejn kontra l-banda, imma bil-prezz ta' €2,500 jġib ir-Red Electric.

Is-Sinjorina Nicole Portelli qalet li jridu jibdlu wkoll il-ħsieb ta' liema nies qed jattiraw u jmorru barra mir-raħal ukoll. Hi qalet li għaliha għandu jinbidel il-mod kif isir Jum Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li diġa' saru bidliet drastiċi fil-mod kif isir u li jekk qed jiddiskutu fuq kif ħa jinfqu inqas flus mod, imma jekk qed jitkellmu fuq bdil ta' stil tipo flok banda jagħmlu orkestra mod ieħor. Qal li l-fulkru ta' Jum Ħ'Attard huwa l-ġieħ u n-nies tiġi biex tara min se jingħata dan l-unur. Is-Sinjorina Portelli qalet li l-banda għal żgħażagħ bħalha mhix attraenti.

Dr. Musumeci qal li €2,000 mhux ftit u li għalih qisu qed ikun hemm ġust (*expectation)* li l-Kunsill se jqabbad dejjem lilhom. Is-Sur Cordina qal li anzi jsaqsu kull sena, u li mod ikollok serata b'30 bandist u mod b'20 bandist.

Is-Sur Ciantar qal li forsi flok bandisti ikun hemm atturi li jieħdu sehem f'xi play bl-istorja ta' Ħ'Attard bħal Ray Abdilla li kien nominat is-sena l-oħra u xi żewġ atturi oħra. Qal ukoll li hu m'għandu xejn kontra l-mużika għax togħġbu wkoll.

Dr. Musumeci qal li tista' ssir serata mużiko-letterarja jew isibu lil xi ħadd jiġi b'xejn Is-Sur Cordina qal li b'xejn ma jiġi ħadd. Hu qal li anzi kien hemm surmastijiet bħal Joseph Chircop li kien ikun irid bandisti primi u kien normalment isibhomj mill-orkestra nazzjonali. Qal li iva jifhem, li jekk qed jitkellmu fuq kif jistgħu jiffrankaw il-flus mod u li iva l-banda m'għandhiex ċens perpettwu u li lilu ma tagħmillux differenza li jsir kif qalet is-Sinjorina Portelli.

Is-Sur Bartolo qal li dejjem inġabu kantanti popolari u d-diski dejjem kienu differenti u moderni. Is-Sur Cassar qal kull ħaġa għandha *target audience* tagħha, l-Iffjurit mod, meta saret l-attività fuq il-widien mod ieħor iġifieri Jum Ħ'Attard ukoll jattira ċertu nies differenti. Is-Sur Paul Ciantar qal li l-invit joħroġ bla ma jsemmi s'tip ta' mużika serata

ħa jkun hemm iġifieri dak li jkun jiġi għax vera jkun interessat. Is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li għat-tliet ġimgħat li jmiss jaħsbu sew fuq x'attività tista' tiġi organiżżata.

Is-Sur Bartolo qal li ħa jsaqsi s-surmast jistawx jiġu b'banda ridotta. Is-Sur Cassar li jekk iridu attivitajiet b'xgħira jistgħu jagħmlu kunċert tal-Karnival. Is-Sur Cordina qal li hemm ċertu livell meta torganizza attività u mhux bilfors hi relatata ma' fondi. Dr. Musumeci qal li l-Università ġieli bejn il -qari tar-Rettur ikun hemm tliet *interludes.* Is-Sur Ciantar qal li waqt il-festa kien tfajla ddoqq is-saxaphone intgħoġbot ferm. Is-Sur Cordina talab lill-kulħadd jaġġornawħ f'seduta oħra.

16.6.3 *Sinjaletika fil-parkeġġ ta' Santa Katerina*

Is-Sinjorina Nicole Portelli ressqet problema ta' dħul u ħruġ mill-parkeġġ ta' Santa Katerina minħabba li hemm żewġ entraturi u kulhadd jidħol u joħroġ bl-addoċċ a detriment li ġieli bil-vetturi ma jarawx min nieżel min-naħa ta' fuq ta' Triq il-Pitkali. Is-Sur Cordina qal li hemm privat u li saħansitra hemm tabella *entrance at your own risk u* ma jista' jsir xejn min-naħa tal-Kunsill.

## 16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċ-ċedola fiha biss il-pagament li ġew affettwati u ma tinkludiex dawk li se jiġu affettwati.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Alex Mangion Sekondant: Sinjorina Nicole Portelli

L-iskedi ġew approvati.

## 16.8 Mozzjonijiet; u

16.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 16.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 30 ta' Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |